# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
*CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 323 – It-Tnejn l-1 t' Awwissu 2016

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00 p.m. Ippresieda s-Sindku Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI
Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Alessia Psaila Zammit
Il-Kunsillier is-sur Julian Borg
Il-Kunsillier is-sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Clayton Cutajar
Il-Kunsilliera is-sinj. Gillian Farrugia Pace
Il-Kunsillier Dominic Grech

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### TALBA
Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI
Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 322 jkunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 2 PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI

**2.1 Triq Mons. Mikiel Azzopardi**
Is-Sindku qal li s-Sur Bjorn Bonello mistenni li jlesti r-rapport mitlub minnu fil-jiem li ġejjin. Il-kuntrattur diġà ġie avżat biex iħejji t-tabelli ta' *one ways*, eċċ., u dawn mistennija li jitwaħħlu flimkien ma' xi xogħolijiet oħra wara l-15 t'Awwissu.

**2.2 Siggiewi Festival Brass Band & Social Club**
Is-Sindku qal li kien diġà beda bil-laqgħat ta' konsultazzjoni kif miftiehem fis-seduti preċedenti.

# 3 FINANZI

### 3.1 Pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4 HWEJJEĠ OĦRAJN

### 4.1 Proġett "Naqsam il-Musa"

Is-Sindku u diversi kunsilliera ressqu lista ta' ismijiet li għandha tkun imressqa lill-*Musuem of Arts*. Wara diskussjoni sar qbil li din għandha tinkludi lil

- Juanita Vassallo
- Alan Saliba
- John Bezzina
- Sephanie Sultana
- Carlos Borg
- Agnese Borg
- Sylvia Azzopardi
- Silvana Spiteri
- Michael Vassallo
- Hendrick Magro

Sar qbil li għandu jkun hemm żewġ sostituti li huma:

- Stephanie Buhagiar
- Colin Bonello

### 4.2 Talba mis-sur Gilbert Borg

Is-Sindku qal li saret talba mis-sur Gilbert Borg, propjetarju ta' Carmen's Bar biex bħal ma seħħ fl-aħħar snin, huwa jkun jista' juża għal żewġ okkażjonijiet is-simenta tal-Bajja ta' Għar Lapsi għal skop kummerċjali. Is-Sindku ippropona li dan għandu jingħata l-permess meħtieġ għal din it-talba.

Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### 4.3 Kamra fi stat ħażin biswit il-Latrina ta' Għar Lapsi

Is-Sindku qal li din il-kamra li f'xi żmien kienet isservi ta' garage, tinsab fi stat ħażin u perikoluż u għalhekk din kienet se titwaqqa.

### 4.4 Nalizpelra Playground

Is-Sindku qal li minħabba diversi raġunijiet l-ispiża għoliet aktar minn dik stmata, prnċipalment minħabba l-bini bil-konkos tal-ħajt tal-ġenb, kif ukoll sar aktar fencing, u twaħħlu s-CCTV cameras liema spejjeż ma kinux iddaħħlu fl-istima orġinali.

Huwa qal li matul din is-sena se titħallas is-somma ta' €141,000 li €66,000 minnhom se jkunu mill-fond tal-UIF u tal-Fond Proġetti Kapitali. B'hekk din is-sena l-Kunsill irid joħroġ €75,000. Dan ifisser li s-sena d-dieħla jkun baqa' jitħallsu €60,000 u €35,000 fis-sena ta' wara.

Huwa għalhekk talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex immedjatament jitħallsu €100,000 bħala parti mill-€141,000. Il-kunsilliera Gillian Farrugia Pace issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.5 Laqgħat tal-Kunsill**

Is-Sindku ippropona li sal-aħħar tas-sena l-Kunsill jiltaqa' f'dawn id-dati:

- It-Tnejn 8 t'Awwissu
- It-Tnejn 29 t'Awwissu
- It-Tnejn 26 ta' Settembru
- It-Tnejn, 24 t'Ottubru
- It-Tnejn, 21 ta' Novembru
- It-Ynejn, 19 ta' Diċembru.

Il-Kunsillier Dominic Grech issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.6 Skema Postijiet Storiċi**

Is-Sindku ippropona li għal din l-iskema issir applikazzjoni għall-Knisja ta' San Ġwann fi Pjazza San Nikola. Huwa qal li qed jipproponi din il-Knisja mhux għal dik tal-Lunzjata ta' Tal-Għolja minħabba l-fatt li din tal-aħħar tirrekjedi ħafna aktar spejjeż.

Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**4.7 Tkomplija tal-Proġett taċ-Ċentru Ċiviku**

Is-Sindku qal li l-proposta mħejjija għan-*night shelter* tinkludi 5 kmamar ta' żewġ sodod il-waħda, kollha bil-kamra tal-banju, *common area* kif ukoll *nurse station*.

Is-sular ta' fuq ikun jinkludi librerija, uffiċju, u sala *multi-purpose*.

Huwa qal li għandha ssir l-applikazzjoni mal-Planning Authority.

Wara suġġeriment tal-Kunsilleir Clayton Cutajar, sar qbil li din il-materja tkompli tiġi diskussa u tiġi konkluża fis-seduta li jmiss.

**4.8 Bring-in-site fi Triq Patri Ġużè Delia**

Is-Sindku qal li mhuwiex obbligu legali li jkun hemm numru stipulat ta' bring-in sites u għalhekk huwa ippropona li din il-bring-in site ma terġax titpoġġa. Il-Kunsillier Clayton Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## GHELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara magħluqa fit-8:30pm u ippropona li l-Kunsill jerġa' jitlaqqa' Nhar it-Tnejn l-8 t' Awwissu 2016, fis-7.00p.m. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 8 t'Awwissu 2016**